MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 469/2002/1

**Karen Al-Saied**

**vs**

**Aladin Al-Saied**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti ghandhom tifel minuri Amir li twieled fil-28 ta' Novembru 1999 u l-attrici cittadina Maltija filwaqt li l-konvenut cittadin Libjan u t-tnejn li huma domiciljati hawn Malta;
Illi l-hajja ta' bejniet il-kontendenti tkissret irrimedjabilment u l-istess kontendenti qeghdin jghixu separatament minn xulxin;

Illi l-kura u kustodja tal-minuri hija fdata f'idejn l-attrici b'digriet moghti mis-Sekond' Awla ta' dina l-Qorti tat-18 ta' April 2002.

Illi ghandu jirrizulta mill-provi illi jinstemghu fil-kors ta' din il-kawza illi l-imgieba u l-qaghda prezenti tal-konvenut huma tali illi l-attrici ghandha ragunijiet fondati illi tissuspetta illi f'kaz illi l-konvenut jithalla jsiefer mal-minuri mill-Gzejjer Maltin hu ma jirritornax lura bih Malta;

Illi fit-18 ta April 2002, fuq talba tal-attrici, dina l-Qorti ordnat il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 839/02 illi bih gie inibit u pprojbit is-safar tal-imsemmi minuri.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tordna u tiddikjara li t-tifel minuri Amir fuq imsemmi ma ghandux jittiehed barra minn Malta mill-konvenut u tinibixxi definittivament il-konvenut milli jiehu t-tifel minuri Amir barra minn Malta;

2. Tordna illi b'effett tal-eventwali sentenza ta' dina l-Qorti u sakemm l-istess tigi varjata bil-mod stabbilit bil-Ligi, l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmi numru 839/02 komprizi dawk l-ordnijiet moghtija bis-sahha tal-istess Mandat lill-Ufficcjali msemmija fil-Mandat, jibqghu definittivament fis-sehh.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni mahrug fit-18 ta' April 2002 kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-verbal tat-22 ta' Ottubru 2002 fejn inghata digriet affidavit attrici b'terminu ta' erbghin (40) gurnata. Dr. Yana Micallef Stafrace ghall-attrici ddikjarat li hlief ghall-

affidavits m’ghandhiex provi aktar, u in vista ta’ dan il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-lum 7 ta’ Jannar 2003.

Rat li minkejja li gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici, il-konvenut baqa’ ma pprezenta l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Rat in-nota tal-attrici datata 5 ta’ Novembru 2002 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess kif ukoll dak ta’ missierha Joseph Delceppo.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) PROVI PRODOTTI.

Illi l**-attrici** permezz tal-affidavit taghha sostniet illi:-

*“Ir-ragel tieghi Aladean Mhemed Ali Al-Saied hu ta nazzjonalita Libika. Jiena minnu legalment separata permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Pubbliku Carmel Gafa (Dok “Cg”) . Ili separati de facto minn mal-konvenut minn Ottubru 2000.*

*Ahna ghandna tifel minuri li twieled fit-28 ta’ Novembru 1999 li jismu Amir. Illi fl-imsemmi kuntratt (art 12) ahna ntrabatna fuq diversi modalitajiet dwar kif il-minuri ghandu jsiefer minn Malta.*

*Jiena ghalkemm tlabt lir-ragel sabiex jurini l-passaport tieghu skadut fejn hemm imnizzel il-minuri hu qatt ma taha sodisfazzjon ta’ dan inoltre m'ghandi l-ebda garanzija li ma jirnexxilux johrog lill-minuri fuq passaport tieghu Libiku mgedded.*

*Jien ma nafx fejn jirrisjedi l-konvenut hawn Malta. Kull darba li jiehu lill-minuri sabiex jezercita d-dritt tieghu ta’ access jien inhallih bil-biza’ li ser jisparixxi barra minn Malta bit-tifel b'kollox. Fil-fatt ma nopponix ghall-access*

*semplicement sabiex ibni jkollu kuntatt ma' missieru peress li naf li dan hu ta' gid ghalih. Fil-fatt, meta jkolli bzonn nikkomunika mal-konvenut, naghmel dan fuq il-post tax-xoghol tieghu peress, kif ghidt, li ma nafx fejn jirrisjedi. Hu ghadu jgib l-indirizz ta' missieri fuq l-I.D. card tieghu. Dan nafu peress li dan l-ahhar anke citazzjoni rcevejna d-dar.*

*Il-familja tal-konvenut, sa fejn naf jien, peress li ili snin ma jkolli kuntatt maghhom, jghixu Tripoli. Ma nafx x'inhu l-indirizz kurrenti tal-genituri tieghu u b'hekk jekk il--konvenut jitlaq lejn pajjizu bil-minuri ma nafx fejn naqbad insibu.*

*Kienet din il-biza' tieghi li r-ragel ser jista' jahrab barra minn Malta bit-tifel li gieghlitni l-ewwel naghmel il-Mandat ta Inibizzjoni 3682/00 u mbaghad insegwi b'din il-kawza".*

Illi **Joseph Delceppo** fl-affidavit tieghu sostna illi:-

*"Jiena missier l-attrici. Hi tghix mieghi u l-mara u zewgt itfal ohra. Ovvjament it-tifel Amir ighix maghna wkoll.*

*Jiena r-ragel taghha, il-konvenut, m'ghandix idea fejn jogghod. Jigi ghat-tifel, jitlaq bih u meta jirritorna bih nirringrazzjaw il-Bambin. Fil-fatt meta darba dam ma jgibu lura, tghidx kemm inkwetajt, spiccajt incempel l-airport, u ghand tal-vapuri qisni mignun, inkwetat immensament, insaqsi u nindaga telaqx bit-tifel. Kienu ghenuni hafna u sabu li ma telaqx bih. Din hi biza' kontinwa taghna wkoll peress li ma nafu hadd mill-familja tieghu barra, m'ghandniex xi ndirizz u jekk jitlaq bit-tifel ma nkunx naf fejn naqbad insibu".*

## (B) Apprezzament tal-Provi

Illi l-kawza odjerna titratta dwar talba da parti ta' l-attrici omm il-minuri sabiex l-istess minuri ma jittehidx barra minn Malta.

Illi din il-Qorti qed tiddeciedi l-istess kawza, kif ghandha tiddeciedi fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi l-Qorti thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz u anke peress li l-kontendenti jinsabu separati legalment, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmelo Gafa', li huwa fl-interess ta' l-istess minuri li fis-sitwazzjoni prezenti m'ghandux jittiehed il-barra mill-gurisdizzjoni taghha hlief b'ordni tal-Qorti.

Illi ghalhekk in vista tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif ser jinghad aktar 'il quddiem.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tordna u tiddikjara li t-tifel minuri Amir fuq imsemmi ma ghandux jittiehed barra minn Malta mill-konvenut u tinibixxi definittivament il-konvenut milli jiehu t-tifel minuri Amir barra minn Malta, u din id-decizjoni ghandha tibqa' *in vigore* sakemm l-istess minuri jsir maggorenni, salv jekk xi parti tigi awtorizzata li tiehu l-minuri barra minn Malta b'Digriet jew Decizjoni *ad hoc* tal-Qorti kompetenti Maltija, u biss ghar-ragunijiet u ghat-termini li jigu specifikati fl-istess decizjoni.

2. Tordna illi b'effett mid-data ta' din is-sentenza u sakemm l-istess tigi varjata bil-mod stabbilit bil-Ligi, l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmi numru 839/02 komprizi dawk l-ordnijiet moghtija bis-sahha tal-istess Mandat lill-Ufficcjali msemmija fil-Mandat, jibqghu definittivament fis-sehh, b'dan li tali decizjoni ghandha tibqa' *in vigore* sakemm l-istess minuri jsir maggorenni, salv jekk xi parti tigi awtorizzata li tiehu l-minuri barra minn Malta b'Digriet jew Decizjoni *ad hoc* tal-Qorti kompetenti Maltija, u biss ghar-ragunijiet u ghat-termini li jigu specifikati fl-istess decizjoni. Tordna illi din is-sentenza definittiva tkun notifikata mill-attrici lill-Kummissarju tal-Pulizija, lill-Ufficcjal Ewlieni tad-Dwana ta' Malta u lill-Ufficcjal Ewlieni fl-Ufficcju tal-Passaporti u dak fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni mahrug fit-18 ta’ April 2002 kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**7 ta’ Jannar 2003**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**7 ta’ Jannar 2003**